MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 708/1990/1

**John Scicluna, fil-kwalità tieghu ta' Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta; u fis-seduta tat-18 ta' Jannar 1996 deher Saviour Farrugia u assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta minflok l-istess John Scicluna; u b'digriet tal-24 ta' Frar 1998 il-kawza tkompliet f'isem is-socjetà "Maltacom p.l.c."**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim esistenti bejn il-partijiet il-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta’ Lm2129.74 (elfejn mija u disgha u ghoxrin lira maltin, erbgha u sebghin centezmu) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 620795 li kien stallat fil-fond 179/1 Saint Dominic Street, Valletta u liema servizz kien jikkonsisti fil-kera tal-linja, telefonati lokali u telefonati ghal barra (*overseas calls*); illi ghad illi l-attur nomine interpella lill-konvenut biex ihallas dana l-ammont huwa baqa’ inadempjenti; talab illi l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm2129.74 dovuti ghall-kera tas-servizz, telefonati lokali u telefonati ghal barra (*overseas calls*) relattivament ghas-servizz tat-telefon bin-numru 620795 li l-attur nomine fuq talba tal-konvenut kien stalla fil-fond 179/1 Saint Dominic Street, Valletta; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux dovuti mill-konvenut;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tnax (12) ta’ Mejju, 2000 illi permezz taghha l-Qorti, filwaqt illi cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici billi kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjetà

attrici elfejn, mija u disgha u ghoxrin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm2129.47) (*sic*) flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza u l-imghax mill-25 ta' Lulju 1990, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Waqt is-smiegh tax-xiehda deher li l-kontestazzjoni tal-konvenut hija mibnija fuq allegazzjoni tieghu li kien hemm xi qerq minn impjegati tal-korporazzjoni Telemalta li ghamlu xi telefonati ghal barra u tefghu il-kont ghal dawn it-telfonati fuq is-*subscribers*, fosthom il-konvenut stess. Qal ukoll li kienet saret inkjesta interna fil-korporazzjoni dwar dan l-abbuz. Xehdu rapprezentanti tal-[korporazzjoni] attrici u qalu li, ghalkemm kien hemm xi abbuz minn impjegati tal-korporazzjoni Telemalta, dan l-abbuz ma kienx fuq linji ta' *subscibers* izda fuq linji fl-ufficcji tal-korporazzjoni stess. Xehed ukoll Reuben Curmi, *engineer* responsabbli ghas-servizz tat-*telephone* fil-Belt Valletta u qal li ghamel *test* tekniku fuq il-linja tal-konvenut u ma sab ebda sinjal li xi hadd kien baghbas din il-linja.

"Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, lill-konvenut ma sehhlux juri li l-kont fuq il-linja tieghu huwa hazin minhabba qerq minn terzi.

"Ma hux kontestat li l-linja hija mikrija lill-konvenut, u l-*quantum* tat-talba jirrizulta minn dokumenti esibiti mis-socjetà attrici."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza hawn fuq imsemmija tigi revokata, annullata u mhassra billi jigu michuda t-talbiet attrici, u illi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà attrici u/jew alternattivament tigi riformata s-sentenza appellata billi jithassar il-kap tas-sentenza li stabilixxa s-somma dovuta mill-appellant u okkorrendo billi l-atti jintbaghtu lura quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-likwidazzjoni ta' tali somma;

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiewt illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, huma s-segwenti:

1. "… hija nieqsa mill-atti kwalunkwe prova jew konferma oggettiva u specifika tat-telefonati li allegatament saru mill-konvenut";
2. "… jigi umilment sottomess … li kont jikkostitwixxi prova ta' interpellazzjoni ghall-hlas u mhux prova tad-debitu li ghalih jaghmel riferenza, u li fin-nuqqas ta' tali kontijiet ma saret l-ebda prova tat-telefonati allegatament maghmula minn fuq il-linja telefonika allokata lill-konvenut";
3. "… lanqas ma saret prova ta' l-ebda obbligazzjoni min-naha tal-konvenut li jiggarantixxi jew jaghmel tajjeb ghal kull uzu li tista' [*sic*] ssir anke minn terzi mil-linja mikrija lilu …" u "… ghaldaqstant … trid tigi mis-socjetà attrici l-prova li kien il-konvenut li ghamel l-uzu allegat, filwaqt illi l-konvenut ghandu kull dritt li jipprova … illi huwa ma ghamilx l-uzu addebitat mis-socjetà attrici lill-kont tieghu sabiex jitfa' fuq is-socjetà attrici dan l-oneru";
4. "… il-konvenut appellant lanqas ma jista' jaqbel ma' l-Onorabbli Qorti ta' l-Ewwel Istanza dwar l-evalwazzjoni li hija ghamlet tal-provi prodotti …";
5. "… ma saret l-ebda prova tar-rati telefonici applikabbli ghat-telefonati li saru, u lanqas ma saret il-prova dwar xi ftehim kontrattwali jew bazi ohra ghar-rati li qieghda tesigi s-socjetà attrici";
6. "… l-esponent [l-appellant] gie pregudikat serjament bin-nuqqas konsistenti tac-Chairman tas-socjetà attrici … li jitla' jixhed …";

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma tikkonsidra d-diversi aggravji ta' l-appellant, dina l-Qorti trid tikkonstata illi, minn ezami ta' l-atti processwali, jirrizulta illi l-kontestazzjoni tal-konvenut

quddiem l-ewwel Qorti kienet kollha kemm hija dwar dik il-parti mis-somma globali (Lm2129.74) pretiza mis-socjetà attrici illi tirrigwarda t-telefonati mill-esteru (Lm1757.12). L-aggravji kollha tal-konvenut sejrin jigu konsidrati fid-dawl ta’ din il-konstatazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) u t-tieni (2) aggravji tal-konvenut ma ghandhom ebda bazi. Infatti, ghalkemm huwa veru illi, dwar it-telefonati illi taghhom s-socjetà attrici qed tirreklama l-hlas, fis-sentenza appellata jinghad biss:
“… l-*quantum* tat-talba jirrizulta minn dokumenti esebiti mis-socjetà attrici”

(u fil-*footnote* relattiva, enumerata 4, jinghad: “Ara *foll*. 44 sa 54), mid-dokumenti markati SF u SF1 (fol. 44 sa 46 u 48 sa 52), esibiti mill-attur Saviour Farrugia waqt illi kien qed jixhed fl-udjenza ta’ l-ewwel (1) ta’ Marzu, 1993 (fol. 42), jirrizultaw elenkati <u>wahda wahda</u> it-telefonati kollha ricevuti fuq il-linja telefonika in kwistjoni u provjenenti mill-esteru taht is-sistema maghrufa bhala *incoming collect* (ara depozizzjoni ta’ Paul Hopkins, fol. 23). Dina l-Qorti hadet il-briga illi tghodd il-prezz ta’ dawn it-telefonati, kif jirrizulta mill-istess dokumenti; il-prezz globali jammonta ghal Lm1759, jigifieri Lm1.88 <u>aktar</u> milli qed tippretendi s-socjetà attrici. Ghall-precizjoni u a skans ta’ ekwivoci tajjeb illi jinghad illi l-kontenut ta’ fol. 47 huwa replika tal-kontenut ta’ fol. 46 u illi, ghalhekk, fil-kalkoli illi ghamlet dina l-Qorti hija injorat fol. 47;

Illi, kwantu ghat-2 aggravju, tajjeb illi jigi precizat illi, ghar-rigward tat-telefonati esteri, is-socjetà attrici mhix qed tallega illi gew “… maghmula minn fuq il-linja telefonika allokata lill-konvenut” izda qed issostni illi, kif ghadu kemm inghad, gew <u>ricevuti</u> fuq l-imsemmija linja telefonika taht is-sistema *incoming collect*;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju ta’ l-appellant ftit li xejn jimmerita konsiderazzjoni. Ghall-kuntrarju ta’ dak illi qed

jissottometti u jippretendi l-appellant, fil-fehma ta' dina l-Qorti, min f'ismu hija registrata linja telefonika tas-socjetà attrici huwa prezunt responsabbli lejn l-istess socjetà ghall-hlas tat-telefonati kollha illi jemanaw mill-istess linja - jew, bhal fil-kas in ezami, jigu ricevuti fuq l-istess linja taht l-*incoming collect system*; huwa ma jkunx responsabbli ghall-hlas jekk jirnexxilu ixejjen dik il-prezunzjoni. Fil-kas in ezami, il-konvenut dan ma rnexxilux jaghmlu. F'dan ir-rigward, il-Qorti trid taghmilha cara illi, ghar-ragunijiet illi sejrin jissemmew fil-konsiderazzjoni tar-raba' (4) aggravju, hija ma tati ebda affidament lil dak illi xehed il-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi r-raba' (4) aggravju jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba l-apprezzament ta' dawn il-provi maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma tatx affidament lill-konvenut u lill-membri tal-familja tieghu - martu, ibnu u mart ibnu - illi huwa pproduca bhala xhieda. Anqas dina l-Qorti ma temmen lill-konvenut u lil dawn il-membri tal-familja tieghu u, f'dan ir-rigward, huwa sufficjenti illi jinghad is-segwenti:
(i) Skond dak illi xehdu l-konvenut (fol. 62), martu Georgia (fol. 61), ibnu Carmel (fol. 69) u mart ibnu, Silvana (fol. 66), sa meta garrbet hsara l-linja telefonika in kwistjoni f'Dicembru, 1988 kull kont relattiv qatt ma kien jeccedi ghaxar liri (Lm10). Skond id-dokument D (fol. 8) il-kont <u>dwar telefonati lokali biss</u> ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 1988 u l-31 ta' Marzu, 1988 kien ta' Lm51.51, ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' April, 1988 u t-30 ta' Gunju, 1988 kien ta' Lm113.37, u ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 1988 u t-30 ta' Settembru, 1988 kien ta' Lm53.31;
(ii) Il-konvenut u martu xehdu illi l-imsemmija hsara giet kagjonata minn maltempata qawwija filwaqt illi Carmel Borg xehed illi f'Dicembru, 1988 sar f' Malta s-*summit* (prezumibilment dak bejn il-Presidenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u ta' l-allura Unjoni Sovjetika) u illi "… mad-dar

tal-Mediterran [il-*Mediterranean Conference Centre*, vicin ir-residenza tal-konvenut, fejn kienet stallata il-linja telefonika in kwistjoni] kien hemm imwahhal hafna apparat u dwal. Fil-fatt jiena nahseb li dawn il-hsarat gew ikkagunati minhabba f'hekk". Huwa fatt maghruf illi l-imsemmi *summit* avvera ruhu f'Dicembru 1989 u mhux f'Dicembru 1988;

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija mill-ewwel (1) sar-raba' (4) aggravji tal-konvenut ma jirrizultawx fondati;

Ikkunsidrat:

Illi anqas il-hames (5) aggravju ma huwa fondat ghaliex, fil-fehma ta' dina l-Qorti, meta l-konvenut iffirma s-*service agreement* dwar il-linja telefonika in kwistjoni (Dok. A, fol. 5) huwa accetta it-"*Tariffs and Conditions laid down in the Telephone Service Regulations (1972) as amended and as may from time to time be further amended*". Inoltre, tajjeb illi jigi rilevat illi quddiem l-ewwel Qorti l-kontestazzjoni tal-konvenut ma kienetx dwar ir-rati illi a bazi taghhom gie kalkolat l-ammont dovut, izda kienet biss dwar ir-responsabbiltà tieghu ghall-hlas tat-telefonati illi emanaw mill-esteru;

Ikkunsidrat:

Illi s-sitt (6) aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa' ghaliex - apparti l-fatt illi dina l-Qorti ghandha dubbji serji dwar kemm is-smiegh tac-*Chairman* tas-socjetà attrici seta' jkun utili ghad-determinazjoni tal-kawza - kieku l-konvenut inqeda bil-mezzi illi tatih l-ligi, id-depozizzjoni ta' l-istess *Chairman* kienet tittiehed;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;
Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------